MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Numru 703/2001

**Illum 10 ta' Marzu 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur S Micallef)**

**vs**

**Jason J Desira**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Jason J Desira ta' 29 sena bin Carmelo u Adolfa nee' Falzon imwieled Pieta` nhar l-10 ta' Dicembru 1972 u li joqghod 21, 'Floyd', Triq il-Bhajra, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 32273 M.

Akkuzat:

1. talli fl-20 ta' Frar, 2001 ghal habta tal-5.15 am gewwa z-Zejtun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor (Emanuel Spagnol), mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1000).

2. talli fl-istess data, hin u fix-xhur ta' qabel, gewwa z-Zejtun b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-istampa Kap 248 ta malafama lil xi persuna u cioe lil Emanuel Spagnol, ezattament attribwa lil dik il-persuna fatti determinati bi skop li joffendi l-unur u l-fama taghha, jew li jesponiha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

3. talli fl-istess data, hin u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa z-Zejtun bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' Emanuel Spagnol, wegga lilu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jitrattaw hsara volontarja u malafama taht il-Kap 248 u /jew l-Kap 9 a detriment u bi hsara ta' Emanuel Spagnol.

Il-provi kontra l-imputat, li jichad l-addebiti, huma esklusivament ibbazati fuq ir-rapport li ghamel l-kwerelant li akkuzatu tal-misfatti li l-istess kwerelant allega li sofra. Ghal dak li huma l-misfatti l-kwerelant afferma li dawn kienu jikkonsistu fi hsara kagunata bi tfieh ta' zebgha u materjal iehor fi propjeta` tieghu u tixrid ta' kitba malafamanti z-Zejtun.

Illi fuq l-iskorta tal-provi pero' l-Qorti tara li dawn ma jsostnux sodisfacjatament l-akkuzi kontra l-imputat. Il-prova forensika teskludi b'mod car li l-kitba fuq il-karti malafamanti hi dik tal-imputat. Ukoll l-kwerelant meta xehed quddiem din il-Qorti naqas li jikkonvinciha dwar il-veracita tal-allegazzjonijiet tieghu kif diretti kontra l-imputat. Tosserva l-Qorti f'dan il-kuntest li l-kwerelant kien kemm inkonsistenti u kemm impreciz f'xi dettalji

relevanti li jitfghu dubju serju fuq il-probatorieta' tax-xhieda tieghu ghal dak li jikkoncerna l-imputat.

Minn naha tieghu l-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax l-konsistenza tal-imputat li ppersistiet sa mill-bidu nett u giet ribadita meta xehed quddiemha.

Hemm ukoll konsiderazzjoni ohra li ghandha timmelita favur l-imputat. Din tikkonsisti filli ghal dak li jikkoncerna l-hsara l-imputat stqarr li giet kkawzata fit-18 ta' Frar, 2001, u f'okkazzjonijiet precedenti, waqt li l-akkuza isemmi l-20 ta' Frar, 2001.

Inghad dan id-decizjoni ghandha tiffavorixxi l-imputat li qieghed jigi liberat mill-akkuzi kontrih dedotti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------